

Brussell, 27 ta' Novembru 2025
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0073 (COD)

15276/1/25
REV 1

SOC 768
EMPL 506
FIN 1340
ECOFIN 1503
COMPET 1148
CADREFIN 314
CODEC 1785

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Suġġett:	Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2021/691 (FEG) fir-rigward tal-appoġġ għall-ħaddiema affettwati minn sensji imminenti f'intrapriżi li għaddejjin minn ristrutturar - <i>Approċċ ġenerali</i>

I. INTRODUZZJONI

Fl-1 ta' April 2025, il-Kummissjoni ppreżentat proposta (7721/25) għal Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2021/691 fir-rigward tal-appoġġ għall-ħaddiema affettwati minn sensji imminenti f'intrapriżi li għaddejjin minn ristrutturar ("Emenda għar-Regolament dwar il-FEG"). Din il-proposta hija parti mill-pjan ta' azzjoni industrijali għas-settur awtomobilistiku Ewropew (COM (2025) 95 final) u għandha l-għan li twieġeb b'mod aġli għall-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-industrija u tas-suq tax-xogħol f'ambjent kummerċjali internazzjonali li qed jevolvi.

L-għan ta' din il-proposta huwa li tespandi l-ambitu tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) (2021/691) biex jappoġġa mhux biss lil dawk il-ħaddiema li diġà tilfu l-impjieg tagħhom, iżda wkoll lill-ħaddiema f'riskju li jtilfu l-impjieg tagħhom b'mod imminenti. L-impjegati f'intrapriżi li għaddejjin min ristrutturar jirċievu pakketti personalizzati ta' miżuri jekk ikunu f'riskju li jtilfu l-impjieg tagħhom. L-intrapriżi jistgħu jitolbu lill-Istat Membru tagħhom japplika għall-appoġġ tal-FEG jekk jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u jixtiequ joffru assistenza kofinanzjata mill-FEG.

Il-proposta tal-Kummissjoni ssuġġeriet żewġ bidliet ewlenin għar-Regolament dwar il-FEG:

- 1) L-estensjoni tal-ambitu biex il-FEG ikun jista' mhux biss jappoġġa lill-ħaddiema ssensjati, iżda wkoll lill-ħaddiema affettwati minn sensja imminenti. Għall-kuntrarju tal-appoġġ tal-FEG għall-ħaddiema li diġà ngħataw is-sensja (applikat direttament mill-Istati Membri), għall-ambitu estiż, intrapriża li għaddejjja minn ristrutturar tressaq talba lill-awtoritajiet nazzjonali tagħha, li japplikaw quddiem il-Kummissjoni fuq il-bażi ta' dik it-talba. L-intrapriża tikkofinanzja l-miżuri.
- 2) Il-Kummissjoni titħalla titlob lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jimmobilizzaw il-baġit annwali sħiħ tal-FEG bil-quddiem fil-bidu tas-sena, bil-għan li jitħaffef l-użu tal-FEG ("proċedura ta' mobilizzazzjoni sħiħa").

F'konformità mal-bażi legali proposta tal-Artikolu 175(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Kunsill huwa meħtieġ jaġixxi mal-Parlament Ewropew f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja u wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u mal-Kumitat tar-Regġuni.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali adotta l-opinjoni tiegħu fis-sessjoni plenarja tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2025.

Il-Kumitat tar-Regġuni adotta l-opinjoni tiegħu fis-sessjoni plenarja tat-2 u t-3 ta' Lulju 2025.

Il-Parlament Ewropew huwa mistenni jadotta l-pożizzjoni tiegħu f'Diċembru 2025.

II. SITWAZZJONI ATTWALI

Filwaqt li l-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi emendat ir-Regolament dwar il-FEG ma kinitx prevista fil-programm ta' ħidma annwali inizjali tal-Kummissjoni, id-delegazzjonijiet kellhom fil-biċċa l-kbira fehma pożittiva dwar il-ħolqien ta' opportunità li tippermetti finanzjament mill-FEG biex jiġu appoġġati ħaddiema li għadhom ma tkeċċewx iżda li jinsabu friskju imminenti ta' sensja mill-impjieġ tagħhom. Fl-istess ħin, id-delegazzjonijiet qiesu li l-proċedura ta' mobilizzazzjoni u żborż ma teħtieġx emendi kbar qabel tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni, sa tmiem l-2027.

Il-Presidenza Daniża ddedikat erba' gruppi ta' ħidma għall-proposta, flimkien mal-erbgħa matul il-Presidenza Pollakka. Matul dan is-semesteru, tħejju u ġew diskussi erba' verżjonijiet tat-test ta' kompromess. Il-Presidenza esplorat, mad-delegazzjonijiet u mal-Kummissjoni, għażliet fil-fond ta' kif għandhom jiġu operazzjonalizzati l-applikazzjonijiet u l-iżborż ta' fondi għall-ambitu estiż, filwaqt li jiġu limitati l-piżijiet amministrattivi u jittaffew ir-riskji potenzjali ta' responsabbiltà finanzjarja għall-Istati Membri.

Il-Presidenza ġibdet l-attenzjoni tal-Coreper għall-aħħar kompromess tad-19 ta' Novembru 2025 bil-ħsieb li jippreżentah lill-EPSCO għal approċċ ġenerali.

Kif konkluż fil-Coreper fid-19 ta' Novembru, il-Presidenza fittxet li tkompli tikkonsolida l-appoġġ mill-Istati Membri. Konsegwentement, meta mqabbel mat-test ippreżentat fil-Coreper, żdiedet sentenza waħda fl-Artikolu 8a, paragrafu 2(bis) fi tmiem il-paragrafu, li hija mmarkata b'**tipa grassa sottolinjata**. Is-sentenza miżjuda tiċċara l-obbligu tal-Kummissjoni li tispjega jekk il-valutazzjoni tagħha tal-applikazzjoni hijiex differenti mir-riżultati tal-kontrolli ex ante volontarji mwettqa mill-Istat Membru.

III. TEST TA' KOMPROMESS TAL-PRESIDENZA

It-test ta' kompromess ifittex li jsib bilanċ bejn il-ħtieġa għal emenda rapida u effiċjenti, il-ħtieġa għal soluzzjonijiet li jistgħu jiġu implimentati faċilment u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Dan ifittex li jottimizza l-impatt tal-Fond permezz ta' ambitu estiż u li jsaħħaħ in-natura ta' emerġenza u preventiva tiegħu. B'hekk jippermetti finanzjament għal miżuri ta' appoġġ li jgawdu minnhom għadd akbar ta' ħaddiema, filwaqt li jinkludi salvagwardji dwar ir-responsabbiltà finanzjarja u jillimita l-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri.

Il-bidliet ewlenin fir-Regolament emendatorju meta mqabbel mal-proposta tal-Kummissjoni huma dawn li ġejjin:

Artikolu 3 – Definizzjonijiet

- Id-delegazzjonijiet indikaw li l-valur miżjud tal-emenda proposta jinsab fl-approċċ preventiv tagħha, li għandu jippermetti li tittieħed azzjoni meta l-ħaddiema f'riskju ta' tkeċċija jkunu għadhom ma tkeċċewx. Huma talbu li l-applikazzjonijiet isiru kmieni biżżejjed, sabiex ikun jista' jitwettaq it-taħriġ u jitnaqqas l-għadd ta' tkeċċijiet.
- Għaldaqstant, fl-Artikolu 3 (Definizzjonijiet), id-definizzjoni ta' "(1a) ħaddiem affettwat minn sensja imminente" ġiet adattata biex tirreferi għall-ħaddiema inklużi fil-komunikazzjoni bil-miktub mill-impjegaturi lir-rappreżentanti tal-ħaddiema, skont l-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 98/59/KE. Dan l-aġġornament għandu l-għan li jirrifletti aħjar l-oġettiv preventiv tar-Regolament emendat – billi jieħu bħala punt ta' referenza punt aktar bikri fiż-żmien – filwaqt li jilħaq il-bilanċ it-tajjeb bejn il-flessibbiltà u ċ-ċertezza legali.

Artikolu 5a (Komunikazzjoni tal-għadd ta' ħaddiema affettwati minn sensja imminente)

- Ġie miżjud Artikolu 5a ġdid speċifikament biex ikopri l-ambitu estiż, u b'hekk l-Artikolu 5 (Kalkoli ta' sensji u ta' waqfien tal-attività) jitħalla jkopri l-ambitu attwali tar-Regolament. Dan l-artikolu l-ġdid jiċċara liema għadd ta' ħaddiema huwa rilevanti għall-fini tal-Artikolu 4, li jistabbilixxi l-kriterji ta' intervent u jiffissa l-għadd minimu ta' ħaddiema affettwati minn sensja imminente meħtieġ għall-intervent tal-FEG.

Artikolu 6 - Benefiċjarji eliġibbli

- It-test jiċċara li l-ħaddiema għandhom jibqgħu eliġibbli bħala parti mill-grupp affettwat minn "sensja imminente" anke f'każ ta' terminazzjoni effettiva tar-relazzjoni tax-xogħol. Dan jgħin biex tinħoloq distinzjoni bejn iż-żewġ gruppi/applikazzjonijiet fil-mira u jgħin biex jiġu ċċarati d-drittijiet (li jinżammu) tal-ħaddiema skont l-Artikolu 8a f'każ ta' sensja.

Artikolu 8a - Applikazzjonijiet għal assistenza mill-FEG lil ħaddiema affettwati minn sensja imminente

- L-Artikolu 8a jagħti dettalji dwar kif l-applikazzjonijiet fi ħdan l-ambitu estiż għandhom jitħejjew, jiġu ppreżentati u jiġu vvalutati. It-test ta' compromess ifittex li jibbilanċja s-salvagwardji meħtieġa ma' flessibilità għall-Istati Membri, filwaqt li jiżgura wkoll proċess ta' applikazzjoni prevedibbli.

- Fir-rigward tal-aktar mod xieraq ta' ġestjoni tal-baġit tal-implimentazzjoni tal-ambitu estiż tal-FEG, f'Lulju il-Presidenza talbet gwida mingħand l-Istati Membri (nota tal-Presidenza 11905/25). Filwaqt li jagħraf li l-preferenzi tal-Istati Membri kienu maqsuma bejn ġestjoni kondiviża u mod ta' ġestjoni diretta għall-ambitu estiż, meta jitqies it-tmiem li qed joqrob tal-programm tal-FEG fl-2027 u wara skambji fil-fond mal-Kummissjoni dwar l-opzjonijiet u l-isfidi relatati maż-żmien tal-implimentazzjoni tal-ġestjoni diretta f'dan l-istadju, il-kompromess jiffoka fuq soluzzjoni ta' ġestjoni kondiviża.
- Il-kompromess propost issa jinkludi wkoll salvagwardji amministrattivi u proċedurali, li jindirizzaw l-ispeċifiċità tal-implimentazzjoni tal-ambitu estiż u t-tħassib tal-Istati Membri dwar ir-responsabbiltà tagħhom, speċjalment minħabba r-rwol tal-Kummissjoni fil-proċess.
- Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u tiġi ffaċilitata l-konformità mal-obbligi stabbiliti fir-Regolament, l-Artikolu 8a ġie aġġornat biex jispeċifika li l-Kummissjoni għandha tipproduċi gwida mhux vinkolanti kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-kumpaniji, inkluż listi ta' kontrolli għall-ftehimiet ta' għotja li għandhom jitħejjew mill-Istati Membri, mudelli għall-applikazzjonijiet u materjal ieħor ta' appoġġ.
- Il-proposta għall-istabbiliment ta' Punti ta' Dħul Uniċi ġiet miċħuda, wara talbiet mill-Istati Membri u l-konferma mill-Kummissjoni li l-Istati Membri jistgħu jużaw l-istrutturi eżistenti tagħhom biex jipproċessaw l-applikazzjonijiet tal-FEG.

- Żdied paragrafu 2(bis) biex jispeċifika li l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jwettqu kontrolli ex ante tal-kapaċità finanzjarja u amministrattiva tal-intrapriżi applikanti kif ukoll jivverifikaw l-informazzjoni pprovduta mill-intrapriża u jekk il-pakkett fil-mira jkunx mistenni li jitwettaq f'konformità mal-liġi nazzjonali. Jekk l-Istati Membri jagħżlu li jwettqu tali kontrolli u verifiki ex ante, il-Kummissjoni *għandha* tqis ir-riżultati tagħhom meta tivvaluta l-applikazzjoni. Dan huwa pass ieħor lejn l-allinjament tal-valutazzjonijiet magħmula mill-Istat Membru u mill-Kummissjoni.

Artikolu 13 - Determinazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja

- L-artikolu għe aġġornat wara suġġerimenti mingħand diversi Stati Membri, biex jiġi stabbilit limitu massimu għal kull intrapriża, li jkun ibbażat fuq stimi mill-applikazzjonijiet attwali. Skont it-test ta' kompromess, għal kwalunkwe intrapriża partikolari, il-finanzjament ma għandux jaqbeż l-EUR 4 000 000 għal kull Stat Membru u għal kull sena ta' finanzjament. Din id-dispożizzjoni tfittex li tillimita r-riskju li kwalunkwe intrapriża individwali teżawrixxi r-riżorsi ta' finanzjament, u li tiżgura li ser ikun disponibbli finanzjament għar-ristrutturar ta' intrapriżi fi Stati Membri differenti.

Artikolu 15 – Proċedura u implimentazzjoni tal-baġit

- Il-proposta li jiġi sostitwit l-Artikolu 15 u li tinbidel il-proċedura ta' mobilizzazzjoni għall-fond għet miċħuda mill-Istati Membri. It-test ta' kompromess iżomm il-formulazzjoni tar-Regolament tal-FEG attwali għall-Artikolu 15, filwaqt li jiċċara biss li dan japplika wkoll għall-applikazzjonijiet tal-ambitu estiż.

Artikolu 16 – Fondi insuffiċjenti

- Il-proposta tal-Kummissjoni għas-sostituzzjoni tal-Artikolu 16 għet miċħuda. It-test ta' kompromess iżomm il-formulazzjoni tar-Regolament attwali dwar il-FEG għall-Artikolu 16, bl-aġġornament li dan japplika wkoll għal talbiet li jaqgħu taħt l-ambitu estiż.

Artikolu 17 - Pagament u użu tal-kontribuzzjoni finanzjarja

- Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkontrollaw l-iżborżi u b'hekk jimminimizzaw ir-riskju fejn iqisu li jkun meħtieġ, it-test ta' kompromess issa jstipula li l-Istati Membri jistgħu jipprovdu pagamenti ta' prefinanzjament f'pagamenti parzjali.

It-test jirrifletti proċess bir-reqqa ta' riflessjoni u konsultazzjoni mal-Istati Membri u l-Kummissjoni. Jirrappreżenta approċċ flessibbli u bbilanċjat u jqis ir-restrizzjonijiet taż-żmien. Sabiex jiżdied kemm jista' jkun il-valur miżjud ta' din l-Emenda għar-Regolament dwar il-FEG, in-negozjati mal-Parlament jeħtieġ li jinbdew u jsiru fil-ħin.

IV. KONKLUŻJONI

Il-Kunsill huwa mistieden jilħaq approċċ ġenerali dwar it-test kif jinsab fl-anness ta' din in-nota u jagħti mandat lill-Presidenza biex tidħol f'negozjati dwar il-fajl mal-Parlament Ewropew.

2025/0073 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2021/691 fir-rigward tal-appoġġ għall-ħaddiema affettwati minn sensja imminenti f'intrapriżi li għaddejjin minn ristrutturar

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni²,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja,

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ stabbilixxa l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għall-qafas finanzjarju pluriennali mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013. Il-FEG ġie stabbilit biex jippermetti lill-Unjoni turi solidarjetà mal-ħaddiema li tilfu l-impjiegi tagħhom b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni.
- (2) L-ambitu tal-FEG twessa' fl-2009 bħala parti mill-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku biex jinkludi appoġġ lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'konsegwenza diretta tal-kriżi finanzjarja u ekonomika dinjija.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ stabbilixxa l-FEG għall-perjodu tal-qafas finanzjarju pluriennali mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020. Huwa estenda wkoll l-ambitu tal-FEG biex ikopri s-sensji li jirriżultaw minn kwalunkwe kriżi finanzjarja u ekonomika dinjija ġdida. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 ġie emendat biex jintroduċi regoli li jippermettu lill-FEG biex eċċezzjonalment ikopri applikazzjonijiet kollettivi li jinvolvu intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li jinsabu f'reġjun wieħed u li joperaw f'setturi ekonomiċi differenti definiti fil-livell tad-diviżjoni NACE Reviżjoni 2⁵, fejn l-Istat Membru applikant juri li l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju huma t-tip ewlieni ta' negozju f'dak ir-reġjun, jew l-uniku wieħed.

³ Ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ([ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1](#)).

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 ([ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855](#)).

⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ([ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1](#)).

- (4) Ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill stabbilixxa l-FEG għall-perjodu tal-qafas finanzjarju pluriennali mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027. Sabiex il-FEG jirreaġixxi aktar għall-isfidi ekonomiċi li qed jinbidlu malajr f'ekonomija globalizzata, l-ambitu tal-FEG reġa' twessa' biex ikopri kwalunkwe tip ta' avveniment ta' ristrutturar fuq skala kbira, irrispettivament mill-kawża. Livell limitu aktar baxx jirrifletti aħjar ir-realtajiet f'reġjuni b'popolazzjoni aktar baxxa. Fid-dawl tat-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika, il-miżuri li jħejju lill-benefiċjarji għat-tranżizzjoni doppja tqiesu bħala elementi obbligatorji għal kull pakkett ikkoordinat ta' miżuri personalizzati offruti lill-benefiċjarji. Barra minn hekk, ir-rati ta' kofinanzjament ġew allinjati mal-ogħla rata ta' kofinanzjament tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ fl-Istat Membru rispettiv. Barra minn hekk, ġie introdott stħarriġ obbligatorju tal-benefiċjarji.
- (5) L-istrument ewlieni tal-Unjoni biex jassisti lil dawk il-ħaddiema li ġew affettwati huwa l-FSE+, imfassal biex joffri assistenza b'mod antiċipatorju. Il-FEG huwa mfassal ukoll biex joffri assistenza b'reazzjoni għal eventi kbar ta' ristrutturar. Madankollu, din l-istruttura ma tirriflettix b'mod xieraq il-fatt li avvenimenti ta' ristrutturar fuq skala kbira ġeneralment iseħħu fuq perjodu ta' żmien twil. L-Istati Membri jistgħu jużaw l-FSE+ biex itejbu u jġeddu l-ħiliet tal-ħaddiema, iżda l-FSE+ ma jipprovdi appoġġ għat-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet tal-ħaddiema f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza bħal dawk li fihom ikun jinsabu l-ħaddiema affettwati minn sensja imminenti. L-intrapriżi fejn il-ħaddiema kkonċernati huma impjegati spiss ikunu f'diffikultà ekonomika u għalhekk ma jkunux jistgħu joffru tali assistenza waħedhom.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1057/oj>).

- (6) Ir-rwol tal-FEG għadu importanti bħala strument flessibbli li jappoġġa lill-ħaddiema li jtilfu l-impjieg tagħhom f'avvenimenti ta' ristrutturar fuq skala kbira u li jgħinhom isibu impjegi oħra malajr kemm jista' jkun. Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli tipprovdi appoġġ speċifiku u ta' darba biex il-ħaddiema ssensjati f'oqsma, setturi, territorji jew swieq tax-xogħol li jkunu qed ibatu minn skoss ikkawżat minn tfixkil ekonomiku serju jkunu jistgħu jintegraw mill-ġdid f'impjieg deċenti u sostenibbli. L-UE għandha tiżgura l-prosperità u l-kompetittività sostenibbli tagħha filwaqt li tippreserva l-ekonomija soċjali tas-suq unika tagħha, tirnexxi fit-tranżizzjoni doppja, u tissalvagwardja d-demokrazija, is-sigurtà ekonomika u l-pożizzjoni ġeopolitika tagħha. Sabiex jiġu ssalvagwardjati l-futur tal-UE bħala mutur ekonomiku, u l-progress fit-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika tagħha, huwa vitali li jiġu appoġġati l-ħaddiema affettwati minn sensja imminente f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar sabiex ikunu jistgħu jiksbu l-ħiliet li jgħinuhom jaqilbu għal rwol differenti, jew jibdlu l-impjieg.
- (7) Għalhekk jeħtieġ jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2021/691 sabiex il-FEG ikun jista' joffri wkoll assistenza lill-ħaddiema affettwati minn sensja imminente f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar. Peress li dawn il-ħaddiema jkunu għadhom f'impjieg attiv, l-impjegatur tagħhom jista' jitlob assistenza permezz tal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri. Peress li l-FEG huwa ġestit b'mod kondiviż, huma l-awtoritajiet tal-Istati Membri li jistgħu jitolbu kofinanzjament mill-FEG malli jirċievu talba minn intrapriża, dment li l-intrapriża taqbel li tipprovdi l-kofinanzjament nazzjonali. Jekk tingħata l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, jenħtieġ li l-Istat Membru kkonċernat jagħmel il-fondi mitluba disponibbli għall-intrapriża. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-intrapriża tagħmel disponibbli lill-Istat Membru l-informazzjoni kollha meħtieġa biex titfassal formola tal-applikazzjoni kompluta (inkluż b'mod partikolari l-għadd ta' sensji projettati, korsijiet ta' taħriġ previsti), id-data u l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-kontroll finanzjarju tal-ewwel u t-tieni livell, u l-informazzjoni kollha meħtieġa għat-tnejn tar-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja rilevanti, mhux aktar tard minn sitt xhur wara t-tmiem tal-implimentazzjoni tal-assistenza. Il-Kummissjoni ser tħejji s'tħarriġ tal-benefiċjarji u jenħtieġ li l-intrapriża taqsam l-aċċess għall-istħarriġ mal-ħaddiema li pparteċipaw fil-programm.

- (8) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jimmitigaw ir-riskji u l-obbligazzjonijiet finanzjarji relatati mal-implimentazzjoni tal-pakkett immirat, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jwettqu verifiki finanzjarji u amministrattivi li jkunu effettivi u proporzjonati, qabel ma jippreżentaw l-applikazzjoni lill-Kummissjoni.
- (8a) Jenħtiegħ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom b'mod li jqis il-kostijiet amministrattivi mġarrba fit-tnejn tal-applikazzjoni mill-intrapriżi u mill-awtoritajiet nazzjonali u li jkun proporzjonali għall-istima tar-riskji finanzjarji marbuta mal-applikazzjoni.
- (9) Jenħtiegħ li l-appoġġ ipprovdut lill-ħaddiema affettwati minn sensja imminente f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar iqis il-forom eżistenti ta' appoġġ disponibbli skont il-miżuri nazzjonali. Jenħtiegħ li l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar ma jkunux eliġibbli għall-appoġġ mill-FEG peress li mhumiex relatati mas-sensja, iżda mas-sospensjoni temporanja tal-impjiegi. L-intrapriża rikjedenti tista' tissottokuntratta t-twassil tal-pakkett ikkoordinat ta' miżuri personalizzati, jew partijiet minnu, jekk il-miżuri nazzjonali jippermettu dan.
- (10) Jenħtiegħ li r-rata ta' kofinanzjament għal tali miżuri mmirati lejn ħaddiema affettwati minn sensja imminente f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar tkun ugwali għar-rata ta' kofinanzjament għall-assistenza mill-FEG lill-ħaddiema ssensjati. Jenħtiegħ li l-intrapriżi li jitolbu appoġġ mill-FEG jipprovdu l-kofinanzjament nazzjonali.
- (11) Jenħtiegħ li r-rata ta' kofinanzjament għan-nefqa mġarrba mill-Istat Membru b'rabta mal-applikazzjonijiet għall-appoġġ tal-FEG u l-ipproċessar tagħhom, inkluż il-kostijiet amministrattivi u tal-persunal marbuta mal-verifiki ex ante, l-attivitajiet preparatorji, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u pubbliċità, u l-attivitajiet ta' kontroll u rapportar, tkun ta' 100 %.

- (12) Peress li l-ħaddiema affettwati minn sensja imminente jkunu għadhom f'impjieg attiv, jenħtieġ li jkunu eliġibbli biss dawk il-miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol li jgħinuhom iġeddu jew itejbu l-ħiliet tagħhom, jew li jagħtu gwida jew mentoraġġ, inkluż miżuri mmirati lejn il-ħaddiema li jistgħu jipprevedu li xi darba jibdew in-negozju tagħhom stess. Għalhekk, jenħtieġ li la l-allowances u lanqas l-għotjiet tal-bidu ma jkunu eliġibbli.
- (13) Jenħtieġ li l-ħaddiema affettwati minn sensja imminente li jirċievu assistenza mill-FEG jibqgħu eliġibbli bħala parti mill-grupp affettwat minn "senja imminente" anki jekk ir-relazzjoni tax-xogħol tagħhom tintemm. Jenħtieġ li jibqgħu eliġibbli wkoll għal applikazzjonijiet ta' segwitu ġodda mill-Istati Membri rispettivi b'appoġġ għall-ħaddiema ssensjati mill-istess intrapriża.
- (14) Minħabba l-kompiti dejjem jiżdiedu tal-Kummissjoni fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/691, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' titlob assistenza teknika sa 1,5 % tal-ammont massimu annwali totali tal-FEG. Ir-rata ogħla hija ġġustifikata wkoll peress li l-ammont massimu annwali tal-FEG tnaqqas fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali.
- (15) [imħassar]
- (16) [imħassar]
- (17) [imħassar]
- (18) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2021/691 huwa emendat kif ġej:

(1) **Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2** huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. F'konformità mal-Artikolu 4, il-FEG għandu joffri appoġġ lill-ħaddiema ssensjati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet waqt avvenimenti ta' ristrutturar kbar u lill-ħaddiema affettwati minn sensja imminente f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar.";

(2) **L-Artikolu 2** huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 2

Missjoni u objettivi

"1. Il-FEG għandu jappoġġa trasformazzjonijiet soċjoekonomiċi li huma r-riżultat tal-globalizzazzjoni u tal-bidliet teknoloġiċi u ambjentali billi jgħin lill-ħaddiema ssensjati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet biex jadattaw għall-bidla strutturali. Il-FEG għandu jikkostitwixxi fond ta' emerġenza li jopera b'mod reattiv. Għalhekk, il-FEG għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipji stipulati fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u għandu jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali u ekonomika fost ir-reġjuni u l-Istati Membri.

2. L-objettivi tal-FEG huma li tintwera solidarjetà u jiġi promoss l-impjieg deċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi joffri assistenza f'każ ta' avvenimenti ta' ristrutturar kbar, b'mod partikolari dawk ikkawżati minn sfidi relatati mal-globalizzazzjoni, bħal bidliet fix-xejriet tal-kummerċ dinji, tilwim kummerċjali, tibdil sinifikanti fir-relazzjonijiet kummerċjali tal-Unjoni jew fil-kompożizzjoni tas-suq intern u kriżijiet finanzjarji jew ekonomiċi, kif ukoll it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, jew bħala konsegwenza tad-diġitalizzazzjoni jew l-awtomatizzazzjoni. Il-FEG għandu jappoġġa lill-benefiċjarji biex jerġgħu lura kemm jista' jkun malajr għal impjieg deċenti u sostenibbli. Għandha ssir enfasi partikolari fuq miżuri li jgħinu lill-aktar gruppi żvantaġġati. Il-FEG għandu jappoġġa wkoll lill-ħaddiema affettwati minn sensja imminenti biex jiksbu l-ħiliet meħtieġa li jgħinuhom jaqilbu għal rwol differenti jew jibdli l-impjieg fl-intrapriża attwali tagħhom jew f'waħda differenti.";

(3) **L-Artikolu 3** huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(1a) ħaddiem affettwat minn sensja imminenti" tfisser ħaddiem, irrISPettivament mit-tip jew mid-durata tar-relazzjoni ta' impjieg tiegħu, li l-kuntratt jew ir-relazzjoni ta' impjieg tiegħu mistennija li tintemm bis-sensja skont il-komunikazzjoni bil-miktub mill-impjegatur lir-rappreżentanti tal-ħaddiema li tinfirmahom, matul il-konsultazzjonijiet magħhom, fost l-oħrajn, dwar l-għadd u l-kategoriji ta' ħaddiema li għandhom jingħataw is-sensja f'konformità mal-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 98/59/KE;

(b) jiżdied il-punt li ġej:

"(6) "intrapriża li tkun għaddejja minn ristrutturar" tfisser intrapriża li tkun għaddejja minn proċess li jinvolvi sensji kollettivi kif imsemmi fid-Direttiva 98/59/KE.";

(4) **L-Artikolu 4** huwa emendat kif ġej:

(a) **il-paragrafu 1** huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri jistgħu japplikaw għal kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG għal miżuri mmirati lejn ħaddiema ssensjati u persuni li jaħdmu għal rashom f'konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu. L-Istati Membri għandhom japplikaw għal kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG f'każijiet ta' talbiet minn intrapriżi li jikkonċernaw miżuri mmirati lejn il-ħaddiema affettwati minn sensja imminente.";

(b) **fil-paragrafu 2**, jiżdied il-punt li ġej:

"(d) is-sensji kollettivi projettati ta' mill-inqas 200 ħaddiem affettwati minn sensja imminente f'intrapriża li tkun għaddejja minn ristrutturar fi Stat Membru.";

(c) **il-paragrafu 3** huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Fi swieq tax-xogħol żgħar, f'każijiet debitament sostanzjati, b'mod partikolari fir-rigward ta' applikazzjonijiet li jinvolvu l-SMEs, applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan l-Artikolu għandha titqies ammissibbli anke jekk il-kriterji stipulati fil-paragrafu 2 ma jiġux issodisfati għalkollox, dment li s-sensji jew is-sensji kollettivi projettati jkollhom impatt serju fuq l-impjiegi u l-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali.

Għall-applikazzjonijiet skont l-Artikolu 8, l-Istat Membru għandu jissostanzja kif xieraq it-talba, u għandu jispeċifika liema mill-kriterji stipulati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ma ġewx issodisfati għalkollox.

Għall-applikazzjonijiet skont l-Artikolu 8a, wara talba debitament sostanzjata mill-intrapriża, inkluż l-indikazzjoni tal-kriterji stipulati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu li ma jkunux issodisfati għalkollox, l-Istat Membru għandu jippreżenta l-applikazzjoni."

(5) **L-Artikolu 5** huwa emendat kif ġej:

(a) **fl-ewwel paragrafu**, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-Istat Membru applikant għandu jispeċifika l-metodu użat għall-kalkolu tal-għadd ta' ħaddiema ssensjati u persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet għall-fini tal-Artikolu 4 kif ikun f'waħda jew aktar mid-dati li ġejjin:";

(b) **it-tieni paragrafu** huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fil-każijiet imsemmija fl-ewwel paragrafu, il-punt (a) ta' dan l-Artikolu, l-Istat Membru applikant għandu jipprovdi lill-Kummissjoni informazzjoni addizzjonali dwar l-għadd reali ta' sensji mogħtija f'konformità mal-Artikolu 4, qabel ma titlesta l-valutazzjoni mill-Kummissjoni;

(5a) Jiddaħħal Artikolu 5a ġdid:

"Artikolu 5a

Komunikazzjoni tal-għadd ta' ħaddiema affettwati minn sensja imminenti

Għall-fini tal-Artikolu 4, l-Istat Membru applikant għandu jikkomunika, l-għadd ta' ħaddiema affettwati minn sensja imminenti, l-għadd ta' ħaddiema identifikati fil-komunikazzjoni bil-miktub mill-impjegatur lir-rappreżentanti tal-ħaddiema, li tintbagħat mill-impjegatur lill-awtorità pubblika kompetenti f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 98/59/KE."

(6) **L-Artikolu 6** huwa emendat kif ġej:

(a) **fil-paragrafu 1**, jiżdied il-punt li ġej:

"(c) ħaddiema affettwati minn sensja imminente f'intrapriża li tkun għaddejja minn ristrutturar. Il-ħaddiema għandhom jibqgħu eliġibbli bħala parti mill-grupp affettwat minn "sensja imminente" anke f'każ ta' terminazzjoni reali tar-relazzjoni tax-xogħol. Dawk l-avvenimenti ta' ristrutturar biss għandhom ikunu eliġibbli li jikkwalifikaw bħala sensji kollettivi skont id-Direttiva 98/59/KE.";

(b) jiżdied il-**paragrafu 3**:

Il-ħaddiema affettwati minn sensja imminente kif imsemmi fl-ewwel paragrafu, il-punt (c), għandhom jibqgħu eliġibbli irrispettivament mill-miżuri ta' appoġġ ipprovduti mill-Istat Membru u ffinanzjati esklużivament mir-riżorsi tal-Istat, dment li dawn il-miżuri ma jkunux parti mill-pakkett ikkoordinat imsemmi fl-Artikolu 7.

(7) **L-Artikolu 7** huwa emendat kif ġej:

(a) **il-paragrafu 1** huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Tista' ssir kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għal miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol li jiffurmaw parti minn pakkett ikkoordinat, imfassla biex jiffaċilitaw ir-riintegrazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira, b'mod partikolari dawk l-aktar żvantaġġati fosthom, f'impjieg jew f'impjieg indipendenti, jew biex tgħin lill-ħaddiema msemmija fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), jiksbu l-ħiliet li jeħtieġu biex jaqilbu għal rwol differenti mal-impjegatur attwali tagħhom jew ma' impjegatur differenti.";

(b) **fil-paragrafu 2**, it-tieni subparagrafu, jiżdied il-punt li ġej:

"(c) Għall-benefiċjarji msemmija fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), il-pakkett ikkoordinat jista' jinkludi taħriġ u taħriġ mill-ġdid, imfassla apposta għall-ħtiġijiet tal-ħaddiem individwali, inkluż dwar it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u ħiliet oħra meħtieġa fl-era diġitali, iċ-ċertifikazzjoni tal-għarfien u l-ħiliet miksuba, servizzi ta' assistenza individwali għat-tfittix ta' impjieg u l-attivitajiet għall-gruppi fil-mira, gwida okkupazzjonali, servizzi ta' konsulenza, mentoraġġ, assistenza għar-rikollokament, promozzjoni tal-intraprenditorija u attivitajiet ta' kooperazzjoni. Dan ma għandux jinkludi skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, għotjiet għal start-ups jew allowances.

(8) **L-Artikolu 8** huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 8

Applikazzjonijiet għal assistenza mill-FEG lil ħaddiema ssensjati u persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet";

(b) **il-paragrafu 6** huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Istat Membru applikant, il-Kummissjoni għandha tlesti l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet biex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja, fi żmien 50 jum ta' xogħol minn meta tasal l-applikazzjoni kompluta jew, fejn applikabbli, mit-traduzzjoni tal-applikazzjoni.

Meta l-Kummissjoni ma tkunx tista' tirrispetta dik l-iskadenza, għandha tinforma lill-Istat Membru qabel dik l-iskadenza u tistabilixxi data ġdida għat-tlestija tal-valutazzjoni tagħha. Dik id-data l-ġdida ma għandhiex tkun aktar tard minn 20 jum ta' xogħol wara l-iskadenza li tinsab fl-ewwel subparagrafu.";

(c) [imħassar]

(9) Jiddaħħal l-**Artikolu 8a** li ġej:

"Artikolu 8a

Applikazzjonijiet għal assistenza mill-FEG lil ħaddiema affettwati minn sensja imminente tal-impjiegi

1. L-intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar jistgħu jitolbu lill-Istat Membru kkonċernat jippreżenta applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, jekk jiġu ssodisfati l-kriterji ta' intervent stipulati fl-Artikolu 4(2), il-punt (d), u jekk l-intrapriża tkun tixtieq toffri assistenza kofinanzjata mill-FEG lil dawk il-partijiet tal-forza tax-xogħol tagħha affettwati minn sensja imminente tal-impjiegi, f'konformità mal-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c) għall-perjodu sħiħ ta' implimentazzjoni. Talba bħal din tista' titressaq mill-intrapriża mid-data li fiha tkun bagħtet lill-awtorità pubblika kompetenti l-komunikazzjoni bil-miktub lir-rappreżentanti tal-ħaddiema li jkun fiha, fost l-oħrajn, l-għadd u l-kategoriji ta' ħaddiema li ser jingħataw is-sensja skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 98/59/KE.

2. Il-Kummissjoni għandha tippovdi linji gwida, listi ta' verifika u mudelli mhux vinkolanti. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu l-mudelli pprovduti mill-Kummissjoni obbligatorji għall-preżentazzjoni tat-talbiet. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw linji gwida u mudelli rilevanti biex jappoġġaw lill-intrapriżi jħejju t-talbiet tagħhom. L-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-intrapriża permezz tal-mudelli għandha tkopri l-informazzjoni kollha meħtieġa għal applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, kif stipulat fil-paragrafu hawn taħt.

2(bis). L-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-applikazzjonijiet ibbażati fuq it-talbiet imsemmija fil-paragrafu (1). Mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni indipendenti tal-Kummissjoni tal-applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG fil-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu, l-Istat Membru jista' jwettaq kontrolli ex ante biex jivverifika:

- a) il-kapaċità-finanzjarja u amministrattiva tal-intrapriża applikanti biex timplimenta l-kontribuzzjoni mill-FEG lill-ħaddiema affettwati,
- b) l-informazzjoni pprovduta f'konformità mal-paragrafu 10, il-punti d), f) u j) ta' dan l-Artikolu, u
- c) jekk il-pakkett immirat huwiex mistenni li jitwettaq f'konformità mal-liġi nazzjonali.

Dawn il-verifiki jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, valutazzjoni tar-riskji finanzjarji għall-Istat Membru, inkluż attività potenzjalment frawdolenti, ir-riskju ta' finanzjament doppju eċċ. Meta l-Istati Membri jwettqu kontrolli u verifiki ex ante, huma għandhom jikkomunikaw ir-riżultati ta' dawk il-kontrolli u l-verifiki, kif ukoll il-valutazzjoni tagħhom tat-talba mressqa mill-intrapriża meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tqis dik l-informazzjoni fil-valutazzjoni tagħha tal-applikazzjoni. **Jekk il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tkun differenti mir-riżultati tal-kontrolli u l-verifiki mwettqa mill-Istat Membru, hija għandha tinkludi spjegazzjonijiet f'dan ir-rigward fis-sommarju tal-informazzjoni li fuqha hija bbażata l-valutazzjoni tagħha, imsemmija fl-Artikolu 15(3), il-punt (a).**

3. L-Istati Membri għandhom jittrattaw it-talbiet kollha b'mod ugwali u fl-ordni li jaslu mingħajr ma jeżerċitaw l-ebda diskrezzjoni rigward l-ammissibbiltà u l-eliġibbiltà ta' dawn it-talbiet, u għandhom jippreżentaw applikazzjonijiet għal assistenza li jaslu mingħand l-intrapriża. L-Istati Membri ma għandhom jintroduċu l-ebda rekwiżit addizzjonali jew ibiddlu r-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament.

4. L-Istat Membru applikant għandu jippreżenta lill-Kummissjoni applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG fi żmien 15-il jum ta' xogħol mid-data li fiha jkun irċieva talba kompluta mill-intrapriża.

5. Fuq talba tal-intrapriża, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi gwida lill-intrapriża matul il-proċedura tal-applikazzjoni.
6. Fuq talba mill-Istat Membru applikant, il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida lill-Istat Membru matul il-proċedura tal-applikazzjoni.
7. Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mid-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni, jew, fejn applikabbli, fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mid-data li fiha l-Kummissjoni jkollha f'idejha traduzzjoni tal-applikazzjoni, skont liema tasal l-aħħar, il-Kummissjoni għandha tikkonferma li rċeviet l-applikazzjoni u titlob lill-Istat Membru applikant kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li jkollha bżonn sabiex tivvaluta l-applikazzjoni. Jekk l-informazzjoni addizzjonali mitluba tikkonċerna informazzjoni li tista' tiġi pprovduta mill-intrapriża, l-intrapriża trid tħejji dik l-informazzjoni għall-Istat Membru.
8. Meta l-Kummissjoni titlob informazzjoni addizzjonali, l-Istat Membru għandu jwieġeb fi żmien 15-il jum ta' xogħol mid-data tat-talba. Il-Kummissjoni għandha testendi dik l-iskadenza b'10 ijiem ta' xogħol fuq it-talba tal-Istat Membru applikant. Kwalunkwe talba bħal din għal estensjoni għandha tkun debitament motivata.
9. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta fl-applikazzjoni, il-Kummissjoni għandha tlesti l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet biex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja, fi żmien 50 jum ta' xogħol minn meta tasal l-applikazzjoni kompluta jew, fejn applikabbli, mit-traduzzjoni tal-applikazzjoni. Il-Kummissjoni għandha twettaq kontrolli tal-informazzjoni pprovduta f'konformità mal-paragrafu 10.

Meta l-Kummissjoni ma tkunx tista' tirrispetta dik l-iskadenza, għandha tinforma lill-Istat Membru applikant qabel dik l-iskadenza u tistabilixxi data ġdida għat-tlestija tal-valutazzjoni tagħha. Dik id-data l-ġdida ma għandhiex tkun aktar tard minn 20 jum ta' xogħol wara l-iskadenza li tinsab fl-ewwel subparagrafu.

10. Applikazzjoni għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-identifikazzjoni tal-intrapriża kkonċernata;

(b) valutazzjoni tal-għadd ta' impjegi affettwati mis-sensja f'konformità mal-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c);

(c) deskrizzjoni qasira tal-avvenimenti li wasslu għar-ristrutturar;

(d) konferma li l-intrapriża kkonformat u għadha tikkonforma mal-obbligi legali tagħha jew mal-ftehimiet kollettivi li jirregolaw dawk is-sensji projettati u qed tipprovdi għall-ħaddiema tagħha kif xieraq, u deskrizzjoni tal-proċeduri segwiti mill-intrapriża biex jiġu kkonsultati l-benefiċjarji fil-mira jew ir-rappreżentanti tagħhom;

(e) stima tal-kompożizzjoni tal-benefiċjarji fil-mira, diżaggregata skont il-ġeneru, il-grupp ta' età u l-livell edukattiv, użata fit-tfassil tal-pakkett ikkoordinat;

(f) deskrizzjoni dettaljata tal-pakkett ikkoordinat u n-nefqa relatata, inkluż kwalunkwe miżura li tappoġġa inizjattivi ta' impjegi għall-benefiċjarji żvantaġġati, żgħażaġh u dawk ta' età akbar;

(g) l-istima tal-baġit għal kull wieħed mill-komponenti tal-pakkett ikkoordinat b'appoġġ għall-benefiċjarji fil-mira li ser ikunu jiġu offruti mill-intrapriża;

(h) id-dati li fihom beda jew irid jibda l-ġħoti ta' pakkett ikkoordinat lill-benefiċjarji fil-mira u l-attivitajiet biex jiġi implimentat il-FEG, kif stipulat fl-Artikolu 7;

(i) l-istima tal-baġit għal kwalunkwe attività preparatorja, inkluż verifiki ex ante, kif ukoll attivitajiet ta' ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar mill-Istat Membru applikant fir-rigward ta' tali applikazzjoni;

(j) dikjarazzjoni li tiddeskrivi għaliex il-pakkett ikkoordinat ma jieħux post il-miżuri li huma r-responsabbiltà tal-impjegaturi skont il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi;

(k) il-konferma mill-intrapriża kkonċernata li ser tikkofinanzja l-miżuri u li hija l-uniku sors għall-kofinanzjament nazzjonali.

(l) konferma mill-Istat Membru li ma pprovdha l-ebda finanzjament għall-pakkett ta' miżuri li jinsab fl-applikazzjoni.

L-informazzjoni taħt il-punti a) sa h) u j) sa k) għandha tiġi pprovduta lill-Istat Membru mill-intrapriża.

(10) **fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1** huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni, jista' jintuża massimu ta' 1,5 % tal-limitu massimu annwali tal-FEG għan-nefqa teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tiegħu, bħal attivitajiet ta' thejġija, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni, kif ukoll ġbir ta' data, inkluż fir-rigward ta' sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva, attivitajiet ta' komunikazzjoni u dawk li jsaħħu l-viżibbiltà tal-FEG bħala fond jew fil-każ ta' proġetti speċifiċi u miżuri oħra u ta' assistenza teknika. Tali miżuri jistgħu jkopru perjodi ta' programmazzjoni futuri u preċedenti.";

(11) **L-Artikolu 13** huwa emendat kif ġej:

(a) **il-paragrafu 1** huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Abbażi tal-valutazzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 8 jew l-Artikolu 8a, filwaqt li jitqies, b'mod partikolari, l-għadd ta' benefiċjarji fil-mira, il-miżuri proposti u l-istima tal-kostijiet, il-Kummissjoni għandha tevalwa u tipproponi l-ammont ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, jekk teżisti, li tista' ssir fil-limiti tar-riżorsi disponibbli.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Ir-rata ta' kofinanzjament għan-nefqa mġarrba mill-Istat Membru għall-benefiċjarji msemmija fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), relatata mal-miżuri stipulati fl-Artikolu 7(5), għandha tkun ta' 100 %.";

(c) **il-paragrafu 3** huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta, abbażi tal-valutazzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 8 jew l-Artikolu 8a, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament ikunu ġew issodisfati, għandha tagħti bidu minnufih għall-proċedura stipulata fl-Artikolu 15. Skont l-Artikolu 8a, il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għal intrapriża partikolari ma għandhiex taqbeż l-EUR 4 000 000 għal kull Stat Membru għal kwalunkwe sena ta' finanzjament.";

(12) **Fl-Artikolu 14, il-paragrafi (1) u (2)** huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. In-nefqa għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mid-dati stipulati fl-applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 8(7), il-punt (j), jew l-Artikolu 8a(10), il-punt (h), li fihom l-Istat Membru jew l-intrapriża kkonċernata jibded, jew mistennija jibded, jipprovdu l-pakkett ikkoordinat lill-benefiċjarji fil-mira jew li fihom l-Istat Membru iġarrab in-nefqa amministrattiva biex jiġi implimentat il-FEG f'konformità mal-Artikolu 7(1) u 7(5).

2. L-Istat Membru jew l-intrapriża għandhom jibded jimplimentaw il-miżuri eliġibbli stipulati fl-Artikolu 7 mingħajr dewmien żejjed u għandhom iwettqu dawk il-miżuri kemm jista' jkun malajr, u fi kwalunkwe każ fi żmien 24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja.";

(13) **Fl-Artikolu 15, il-paragrafu 3** huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Proposta għal deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-FEG skont il-paragrafu 1 għandha tinkludi dan li ġej:

(a) il-valutazzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 8(6) u l-**Artikolu 8a(9)**, flimkien ma' sommarju tal-informazzjoni li fuqha hija bbażata dik il-valutazzjoni; u

(b) ir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-ammonti proposti f'konformità mal-Artikolu 13(1).";

(14) **L-Artikolu 16** huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 16

Fondi insuffiċjenti

B'deroga mill-iskadenzi stipulati fl-Artikoli 8, 8a u 15, f'każijiet eċċezzjonali u dment li l-appropriazzjonijiet ta' impenn li jifdal disponibbli fil-FEG ma jkunux biżżejjed biex ikopru l-ammont ta' assistenza neċessarju skont il-proposta tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tista' tipposponi l-proposta biex jiġi mobilizzat il-FEG u t-talba sussegwenti għal trasferiment baġitarju sakemm l-appropriazzjonijiet ta' impenn ikunu disponibbli fis-sena ta' wara. Il-limitu baġitarju annwali tal-FEG għandu jiġi rispettata fiċ-ċirkostanzi kollha.";

(15) **Fl-Artikolu 17**, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6. Wara li jirċievi l-pagament ta' prefinanzjament tal-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel disponibbli għall-intrapriża kkonċernata dik il-parti tal-pagament ta' prefinanzjament relatata mal-pakkett ikkoordinat ta' miżuri implimentati mill-intrapriża. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jagħmlu l-pagament ta' prefinanzjament disponibbli f'pagamenti parzjali. Il-modalitajiet ta' pagament għandhom jiġu stipulati fl-att li jirregola l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Istat Membru lill-intrapriża. L-Istati Membri jistgħu, fejn xieraq, jidderieġu l-fondi lejn l-intrapriża permezz tal-awtorità reġjonali rilevanti jew awtorità pubblika oħra, dment li din ma ddewwimx il-pagament. L-Istat Membru għandu jżomm jew jidderieġi lill-awtorità reġjonali jew awtorità pubblika oħra l-parti tal-prefinanzjament li tirrigwarda l-miżuri msemmija fl-Artikolu 7(5)."

(16) **Fl-Artikolu 20**, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. F'każijiet fejn intrapriża tkun qed timplimenta kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għall-ħaddiema affettwati minn sensja imminente, l-intrapriża għandha sa tmiem is-sitt xahar wara l-iskadenza tal-perjodu ta' implimentazzjoni tipprovdi lill-Istat Membru kkonċernat b'rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja, inkluż l-informazzjoni rilevanti kollha speċifikata fil-paragrafu 1.";

(17) **Fl-Artikolu 22**, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Stħarriġ tal-benefiċjarji għandu jitnieda mill-Kummissjoni matul is-sitt xahar wara tmiem kull perjodu ta' implimentazzjoni. L-istħarriġ tal-benefiċjarji għandu jkun miftuħ għall-parteciċipazzjoni għal mill-inqas erba' ġimgħat. L-Istati Membri għandhom iqassmu l-istħarriġ tal-benefiċjarji lill-benefiċjarji, jibagħtu mill-inqas tfakkira waħda u jinfurmaw lill-Kummissjoni bid-distribuzzjoni u t-tfakkira li tkun intbagħtet. F'każijiet li jinvolvu assistenza implimentata minn intrapriża lill-benefiċjarji skont l-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), dik l-intrapriża hija responsabbli mid-distribuzzjoni tal-istħarriġ imħejji mill-Kummissjoni fost il-ħaddiema li pparteċipaw fil-miżuri. It-tweġibiet għall-istħarriġ tal-benefiċjarji għandhom jinġabru u jiġu analizzati mill-Kummissjoni għall-użu f'evalwazzjonijiet futuri."

(18) [Titħassar iż-żieda proposta tal-Artikolu 28a]

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President
